MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Numru. 27/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**Ian Xuereb ta’ 34 sena, iben Carmel u Mary nee’ Mercieca, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-8 ta’ Gunju, 1974, residenti fil-fond “Micmar”, Triq il-Knisja, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 13574(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Ian Xuereb li gie akkuzat talli f’Mejju 2008, gewwa Ghawdex u f’postijiet ohra gewwa il-Gzejjer ta’ Malta, ghamel falsifikazzjoni billi dahhal isem ta’ persuna mhux vera, u cioe’ ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata liema skrittura setghet

taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli. (Artiklu 187 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-8 ta' Mejju, 2009;

Rat l-ittra datata 18 ta' Marzu, 2011, minn fejn jirrizulta illi l-parti leza ma ghadx ghandha interess f'dawn il-proceduri;

Semghet l-eccezzjoni sollevata tan-nebis in idem mid-difiza fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2009;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti processwali rrizulta illi kienu ttiehdu proceduri gudizzjarji fil-konfront tal-imputat quddiem it-Tribunal Industrijali liema kawza giet deciza fit-18 ta' Frar, 2009, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Gunju, 2009 (Dok X u Y). Illi ma hemmx dubbju kif fil-fatt jidher anke mix-xhieda moghtija mill-parti leza stess, illi dan il-kaz kien jittratta propju dwar l-istess fatti illi llum jinsab akkuzat dwarhom l-imputat. Illi huwa principju sancit mill-Kodici Kriminali stess illi l-ebda persuna ma tista' tigi aggudikata fuq l-istess fatti ghal aktar minn darba. Kwindi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti ma tistax hlief tilqa' l-eccezzjoni sollevata mid-difiza;

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tan-nebis in idem sollevata mid-difiza u tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------